**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 21 ta' Frar, 2018**

**Rikors Nru: 75/08 MLF**

**Peter Busuttil**

**vs**

**Frans Ghirxi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur Peter Busuttil fejn talab sabiex il-konvenut ikun ikkundannat li 1) prevja li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-kontenut ta' l-artiklu intitolat *'Lm20,000 "GUSTI"?! George Vella jizvela kif il-Birkirkara Tennis Club iggwadanja l-eluf mill-Fond Ghal Kawzi Gusti'* ippubblikat fuq is-sit eletroniku tal-gurnal 'L-Orizzont' tas-16 ta' Frar, 2008 (Dok. A) – u li tieghu hu l-editur – huwa libelluz u jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta' l-attur li l-ghan taghha huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur, 2) ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti f'ammont li ma jeccedix il-hames telef liri maltin (Lm5,000) a tenur ta' l-artiklu 28 ta' l-Att Dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut Frans Ghirxi fejn eccepixxa:

1. Illi hu sempliciment wassal lill-qarrejja diskors jew kliem tat-tabib George Vella u dan dwar materja ta' nteress pubbliku bhalma hu kif jigu mqassma l-flus mill-Fond ghal Kawzi Gusti.
2. Illi inoltre r-rapport hu kopert bil-kwazi-privilegg li jipprovdi l-Kap 248.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma senjatament is-segwenti:

1. Fil-15 ta' Frar 2008, Dottor George Vella, dak iz-zmien Membru Parlamentari tal-Opposizzjoni, ha sehem f'dibattitu politiku organizzat mill-Awtorita tax-Xandir fuq TVM, u ikkritika *inter alia* l-mod ta' kif il-Gvern ta' dak iz-zmien kien qed jaghti d-donazzjonijiet mill-Fond ghal Kawzi Gusti. Huwa qal li fost l-ghotjiet, *"ghandek tmint elef (LM8000.00) li nghataw lil certu Peter Busuttil li ghandu kumpanija li m'hijiex kumpanija ta' karita"* Imbaghad kompla jghid *"umbaghad lil Renal Unit intuhom biss hamest elef (Lm5000), imbaghad jaghmlu tajjeb tal-Life Cycle".*

2. L-ghada is-sit www.l-orizzont.com, li tieghu l-konvenut kien dak in-nhar editur, ippubblikat artikolu intitolat *"LM20,000 "GUSTI"?! George Vella jizvela kif il-Birkirkara Tennis Club iggwadanja l-eluf mill-Fond Ghal Kawzi Gusti".* F'dan l-artikolu inghad hekk *"Kumpanija* ohra – *Red Ads – ukoll inghatat €18,000. Din il-kumpanija ta' Peter Busuttil kienet hadet hsieb kampanja pubblicitarja tal-partita ta' hbiberija li Milan kienu laghbu ma' Birkirkara f'Malta s-*sena li ghaddiet."

3. L-attur jammetti li Red Ads Limited hija kumpanija tieghu, li taghmel avvizi pubblicitarji, pero hassu malafamat bl-artikolu ppublikat fuq is-sit www.l-orizzont.com ghax isostni li l-kumpanija tieghu ma nghatat l-ebda flus mill-Fond ghal Kawzi Gusti biex taghmel il-kampanja pubblicitarja ghal l-loghba football ta' hbiberija bejn Milan u Birkirkara, li sehhet fit-13 ta' Jannar 2007.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Mix-xhieda u l-provi mhux kontradetti tal-attur, jirrizulta li s-socjeta tieghu Red Ads Ltd kienet inghatat flus mill-Fond ghal Kawzi Gusti fl-2006 sabiex jigu rrangati s-swar ta' De Redin fl-Imdina, li fihom kellha tittella' produzzjoni teatrali ta' dramm ta' Samuel Beckett, tradott bil-lingwa Maltija. Il-qliegh minn din il-produzzjoni inghata lil zewg ghaqdiet - Puttinu Cares u r-Razzett tal-Hbiberija.

Pero, l-attur jichad li hu u/jew il-kumpanija tieghu inghataw xi flus mill-Fond ghal Kawzi Gusti in konnessjoni mal-loghba ta' football fuq imsemmija. Huwa jghid li hu kien involut biss f'din il-loghba ghax intalab joqghod bhala prezentatur fil-ground, u li ghamel dan ix-xoghol b'xejn ghax hu partitarju akkanit tal-football club ta' Birkirkara. Pero jinsisti li hu ma hu involut bl-ebda mod fl-organizzazjoni ta' dan il-club u lanqas fl-organizzazzjoni tal-partita football in kwistjoni. Dan hu kkorroborat ukoll mix-xhieda ta' John Borg, Vici President tal-club.

Kif inghad, il-konvenut ma ipprova bl-ebda mod jikkontradixxi dawn il-provi.

Il-konvenut qed iserrah id-difiza tieghu fuq il-privilegg kwalifikat kontemplat fl-Artikolu 12A tal-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta), u li jippreskrivi hekk: *"Fi proċeduri meħuda in forza ta' dan l-Att tkun difiża għall-editur jew għar-responsabbli għall-pubblikazzjoni li jipprova li l-informazzjoni pubblikata kienet tikkonsisti f'rapport preċiz ta' diskors li sar f 'avveniment pubbliku importanti minn persuna identifikata u li kienet taf jew raġonevolment setgħet tkun taf jew tistenna li l-kontenut ta' dak id-diskors se jiġi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir, u li l-pubblikazzjoni tal-istess diskors kienet raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika."*

Din il-Qorti rat il-filmat tad-dibattitu li fih tkellem Dottor George Vella. Ghalkemm Dottor Vella ikkritika l-mod ta' kif kien jigi amministrat il-Fond ghal Kawzi Gusti, fir-rigward tal-konvenut, huwa qal biss li minn dan il-Fond inghatat ghotja ta' LM8,000 lil kumpanija tal-attur, *"li mhijiex kumpanija tal-karita",* u waqaf hemm. Dottor Vella mkien ma specifika fid-diskors tieghu meta u ghalfejn inghatat din l-ghotja lill-kumpanija tal-attur.

L-artikolu in kwistjoni ma llimitax ruhu li jirriproduci fedelment dak li qal Dottor Vella fid-diskors tieghu li l-kumpanija tal-attur kienet irceviet LM8000 ossia €18,000 mill-imsemmi Fond. Izda l-artikolista kompla jghid hekk *"Din il-kumpanija ta' Peter Busuttil kienet hadet hsieb kampanja pubblicitarja tal-partita ta' hbiberija li Milan kienu laghbu ma' Birkirkara f'Malta s-sena li ghaddiet."* Apparti li mill-provi jirrizulta ampjament li din l-asserzjoni hija fattwalment mhux vera, kif sewwa jghid l-attur fix-xhieda tieghu Dottor George Vella ma qalx dan id-diskors. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li din l-asserzjoni giet mizjuda mill-artikolista, biex timplika li l-kumpanija tal-attur ottjeniet dawn il-flus b'mod korrott sabiex tiffinanzja l-kampanja pubblicitarja tal-partita ta' football imsemmija. Din hija it-tifsira li qarrej ordinarju jaghti lill-kliem tal-konvenut *"fis-sens normali u ordinarju taghhom."*[1]

Fis-sentenza **Dottor Louis Galea vs. Onor' Prim Ministru**, deciza fit-23 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell ikkwotat b'approvazzjoni it-tifsira li jaghti **Gatley** ghal principju li wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali u ordinarju taghhom. **Gatley** jghid hekk: *"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the plaintiff has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning ... ... The ordinary and natural meaning of words may be either the literal meaning or it may be implied or inferred or an indirect meaning; any meaning that does not require the support of extrinsic facts passing beyond general knowledge but is a meaning which is capable of being detected in the language used can be part of the ordinary and natural meaning ... ... The ordinary and natural meaning may therefore include any implication or inference which a*

[1] Ara **Dr. Andrew Borg Cardona vs Joseph Abela et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-24 ta' Jannar 2002.

*reasonable reader guided not by any special but only by general knowledge, and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the words."*[2]

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ma tistghax tara kif l-eccezzjoni tal-konvenut li hu kopert bil-privilegg kwalifikat kontemplat fl-Att dwar l-Istampa tista' tigi milqugha.

Ma hemmx dubbju li ghalkemm bhala fatt il-kumpanija tal-attur kienet inghatat flus mill-Fond ghal Kawzi Gusti fl-2006, l-implikazzjoni fl-artikolu li dawn il-fondi intuzaw mis-socjeta tal-attur biex issir kampanja pubblicitajra ta' partita ta' football tirrizulta mill-provi zbaljata. Din l-implikazzjoni saret biss sabiex il-konvenut jaghti l-impressjoni zbaljata li s-socjeta tal-attur ibbenifikat minn dawn il-fondi ghal skop mhux meritevoli. Meta wiehed iqis li d-diskors shih ta' Dottor Vella kien dwar allegati korruzzjonijiet u abbuzi mill-Gvern tal-gurnata, li l-artikolu in kwistjoni li kien suppost qed jirriproduci d-diskors ta' Dottor Vella, u li dan l-artikolu gie pubblikat ftit gimghat qabel elezzjoni generali, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-intenzjoni tal-konvenut, apparti ovvjament li jiskredita lill-Gvern ta' dak iz-zmien, kienet li jhammeg isem l-attur billi jimplika li s-socjeta tieghu hadet flus mill-Fond tal-Kawzi Gusti ghal skopijiet kummercjali b'mod korrott u ghal skopiijiet lil hinn minn dawk intizi ghall-uzu tal-flus tal-Fond.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn, ghax iz-zewg eccezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta tieghu jistriehu t-tnejn fuq il-privilegg kwalifikat, li ghar-ragunijiet fuq esposti, m'huwiex applikabbli fil-kaz odjern, ghax l-artikolista ma llimitax ruhu li jirriproduci fedelment dak li qal Dottor George Vella.

Pero fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenut issollevat ukoll l-eccezzjoni tal-*fair comment* u s-sottomettiet ukoll li element essenzjali tal-libell huwa li jrid jigi ppruvat li l-persuna libellata sofriet xi forma ta' dannu. Ghalkemm hemm gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li eccezzjonijiet ulterjuri ma jistghux jigu sollevati minghajr permess tal-Qorti jew fis-sottomissjonijiet finali, din il-Qorti sejra ghal fini ta' kompletezza tindirizza dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

[2] **Gatley on Libel and Slander,** Sweet & Maxwell (London) 1981 (8th. ed.), para. 97, pagni 51-52.

Rigward s-sottomissjonijiet li sabiex jista' legalment jinghad li jkun gie kommess libell, irid jigi ppruvat li l-persuna libellata sofriet xi forma ta' dannu, ftit hemm xi tghid. Il-konvenut ma rrifera ghall-ebda kazistika jew gurisprudenza f'dan is-sens, u dan bir-ragun, ghax dan ir-rekwizit legalment ma jezistix. Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[3], fil-kawza fl-ismijiet **Joseph R. Darmanin vs Gino Cauchi et**, deciza fil-25 ta' Frar 2004: *"Jigi osservat qabel xejn illi hu pacifiku f'materja ta' ingurja permezz tal-istampat illi l-attur li jhossu malafamat ma kellux jaghmel haga ohra biex isostni d-domanda tieghu hlief li jipprova li l-artikolu jew ahbar mxandra kienet ingurjuza. Sodisfatta din il-prova huwa, mbaghad, dmir tal-konvenuti li jikkombattuha bil-mezzi permessi mil-ligi biex jevitaw il-konsegwenzi tal-agir taghhom (Kollez* ***Vol. XXXIII pI p450****).*

Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni tal-karenza tal-prova tad-dannu qed tigi michuda.

L-eccezzjoni tal-*fair comment* timporta il-kostatazzjoni li dik il-parti ta' l-artikolu, li l-attur iqis bhala malafamanti ta' l-unur tieghu, kienet bazata fuq allegazzjoni ta' fatt li kienet sostanzjalment vera. Il-fatt addebitat lill-attur - li kemm l-attur kif ukoll din il-Qorti jirritjenu li hu malafamanti – hu dak li johrog mis-segwenti sentenza fl-artikolu: *"Din il-kumpanija ta' Peter Busuttil kienet hadet hsieb kampanja pubblicitarja tal-partita ta' hbiberija li Milan kienu laghbu kontra Birkirkara f'Malta s-sena li ghaddiet."*, meta din giet abbinata mas-sentenza precedenti fl-istess artikolu li din il-kumpanija kienet inghatat €18,000 mill-Fond ghal Kawzi Gusti. Din is-sentenza ma hija bl-ebda mod kumment jew opinjoni. Hi kostatazzjoni fattwali illi l-konvenut kien jehtieglu jipprova li kienet sostanzjalment vera.

Hi kjarament skorretta s-sottomissjoni tal-konvenut illi din is-sentenza setghet tigi kwalifikata bhala *fair comment*. Hi invece kostatazzjoni ta' fatt li fl-artikolu in kwistjoni ma kien hemm l-ebda kumment dwaru. Di piu mill-provi irrizulta li din il-kostatazzjoni ta' fatt kienet fattwalwent skorretta. Ghalkemm il-konvenut ghandu d-dritt u l-obbligu bhala gurnalist li jinforma l-pubbliku dwar affarijiet ta' materja pubblika, hu ma jistax jiddefama r-reputazzjoni ta' persuna ohra billi jimplika li hi ottjeniet fondi minghand il-Gvern b'mod korrott sabiex tiffinanzja kampanja pubblicitarja ta' partita tal-football, meta lanqas biss hemm prova wahda dwar dan. Biex tikkummenta fuq fatti, l-ewwel dawn il-fatti jridu jkunu sostanzjalment veri. (ara b'analogija s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph N. Tabone vs Onor.**

[3] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

**Evarist Bartolo**, deciza fid-19 ta' Gunju 2001 u **Dr. Sandra Caruana vs Joe Mifsud** deciza fl-24 ta' Settembru 2004).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-attur, u:

1. tiddikjara li l-kontenut ta' l-artiklu intitolat *'Lm20,000 "GUSTI"?! George Vella jizvela kif il-Birkirkara Tennis Club iggwadanja l-eluf mill-Fond Ghal Kawzi Gusti'* ippubblikat fuq is-sit eletroniku tal-gurnal 'L-Orizzont' tas-16 ta' Frar, 2008 – u li tieghu l-konvenut hu l-editur – huwa libelluz u jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta' l-attur, li l-ghan taghha huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur;

2. tikkundanna lill-konvenut, ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta), ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn Euro (€2,000).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**